# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Rikors Numru 1196/08AE**

**Maria Dolores Buhagiar, Joseph Buhagiar,**
**Mary Rose Sammut xebba Buhagiar**

**v.**

**Paul Buhagiar**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Paul Buhagiar mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru 2011, li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata b'dana illi tiċħad it-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2008 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:
>
> "1. Illi l-esponenti flimkien mal-intimat Paul Buhagiar ġew rikonoxxuti mill-Uffiċċju Konġunt bħala l-gabillotti l-ġodda fuq ir-raba' magħruf bħala l-Għalqa ta' Galon, *sive* ta' Ħal Mula, limiti Żebbuġ u dana wara l-mewt tal-gabillot preċedenti Emanuel Buhagiar li ġrat fis-6 ta' Ġunju 1994, u li tiegħu l-esponenti Maria Dolores Buhagiar hija l-armla u l-partijiet l-oħra huma t-tfal
>
> "2. Illi dana jirriżulta mill-ittra maħruġa mill-istess Uffiċċju Konġunt bid-data 27 ta' Awissu 2008, kopja esebita bħala Dok A;
>
> "3. Illi l-istess Uffiċċju Konġunt, kif informa lill-esponenti permezz tal-Avukat tagħhom bl-ittra tad-29 ta' Lulju 2008, kopja annessa Dok B, kien oriġinarjament u wara l-mewt ta' Emanuel Buhagiar, dawwar il-qbiela ta' għalqa ta' Galon fuq l-intimat Paul Buhagiar *biss* erronjament u għalhekk li l-intimat ħataf u żamm sal-lum il-pusess tal-għalqa kollha.
>
> "4. Illi l-esponenti, wara li ġew irrikonoxxuti flimkien ma' l-intimat Paul Buhagiar bħala l-gabillotti l-ġodda, talbu lill-istess intimat biex jikkonsenjalhom kopja taċ-ċavetta tal-kamra tal-għodda li hemm fl-għalqa sabiex kull wieħed u waħda mill-partijiet jkun jista' jagħmel użu minnha u biex jersaq għal qasma tal-għalqa *Ta' Galon* f'erba' porzjonijiet biex kull wieħed mill-partijiet ikollu porzjoni għalih u dana permezz ta' ittra bid-data 5 ta' Settembru 2008 kopja annessa bħala Dok C;
>
> "5. Illi l-intimat baqa' m'aċċettax kemm li jikkonsenja kopja taċ-ċavetta u wisq anqas li jersaq għall-qasma tal-għalqa.
>
> "6. Illi l-esponenti ma jixtiequx jiddetjenu l-qbiela tal-għalqa b'mod indiviż ma' l-intimat u jixtiequ li kull wieħed u waħda minnhom ikollu l-porzjoni tiegħu bil-pussess vakanti u dana *stante* li hija komodament diviżibbli f'erba' porzjonijiet kif jidher mill-pjanta Dok D.
>
> "7. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment.
>
> "Għaldaqstant l-esponent jtilob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

"1. Prevja kull dikjarazzjoni neċessarja dwar id-diviżibilita', tordna u tiddikjara li l-għalqa Ta' Galon *sive* ta' Ħal Mula, limiti Ħaż-Żebbuġ, murija fuq il-pjanta Dok D,

għandha tinqasam f'erba' porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet, u l-kamra tal-għodda titgawda mill-partijiet kollha;

"2. Tħejji, bl-assistenza ta' perit tekniku nominat għal dan l-iskop, pjan ta' diviżjoni tal-istess għalqa f'erba' porzjonijiet kollha aċċessibbli minn triq pubblika u b'aċċess għal kamra tal-għodda eżistenti fuq l-istess għalqa, biex kull porzjoni tiġi assenjati lill-parti bix-xorti jew bl-assenjazzjoni;

"3. Tordna li l-intimat għandu jiżgombra fi żmien qasir u perentorju minn kull porzjoni tal-għalqa li ma ġietx assenjata lilu.
Bl-ispejjeż kontra l-intimat nġunt minn issa in subizzjoni.
Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.
Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Paul Buhagiar, preżentata fis-6 ta' Frar 2009, li permezz tagħha eċċepixxa:

"1. Illi l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materie,* peress illi stanti għandu titolu validu ta' qbiela;

"2. Illi l-intempestivita ta' din l-azzjoni, għaliex kif jirriżulta mill-premessi tar-rikores, qed jiġi kontestat kuntratt ta' qbiela viġenti qabel xejn ir-rikorrenti jridu neċessarjament jattakkaw dan il-ftehim;

"3. Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu respinti peress illi kif se jirriżulta aħjar waqt is-smiegħ u t-trattazzjoni ta' din il-kawża, il-konvenut jirritjeni l-qbiela kollha tal-għalqa *de quo;*

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

"Rat id-digriet tagħha tal-23 ta' Frar 2009 li permezz tiegħu nnominat lill-A.I.C. Mario Cassar biex jirrelata, u r-rapport tiegħu a fol 83 tal-proċess flimkien mal-verbali tas-seduti li saru quddiemu;

"Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ġunju 2011 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

"Rat ukoll il-verbal tas-seduta tas-26 t'Ottubru 2011 fejn minħabba indispożizzjoni tal-Imħallef sedenti l-kawża reġgħet tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Ottubru 2011.

"Ikkunsidrat;

"Illi kif ingħad l-atturi qed jitolbu li ssir il-qasma tal-għalqa msemmija fir-rikors promotur, u dan peress li huma rikonoxxuti bħala l-inkwilini

tal-istess għalqa mill-Uffiċċju Konġunt. Il-konvenut da parti tiegħu jinsisti li hu huwa l-uniku nkwilin

"Illi dan id-diżgwid evidentement inqala' għaliex f'ċertu ħin, l-Uffiċċju Konġunt irrikonoxxa biss lill-konvenut bħala l-gabilott fl-għalqa in kwistjoni. Meta għamel dan l-Uffiċċju Konġunt straħ fuq sempliċi dikjarazzjoni tal-Arċipriet ta' Ħaż Żebbuġ Rev. Carmel Attard. Il-konvenut argumenta wkoll li l-atturi kienu ċedew sehemhom lilu minn għalqa magħrufa bħala tal-Ħarruba fil-kontrada ta' Ħal Mula jew tal-Ħandaq, u l-konvenut jinsisti li din hija l-istess għalqa. Dan pero' mhux sorrett mill-provi u infatti l-perit tekniku kkonkluda li dik hija għalqa oħra (magħrufa bħala ta' Galon) li hija biss 53 metru bogħod minn dik in kwistjoni. L-Uffiċċju Konġunt fil-fatt ikkorega dak li għamel billi eventalment irrikonoxxa lill-partijiet kollha bħala ko-inkwilini permezz ta' Dokument A. Il-perit tekniku ġustament irrileva li l-konvenut qatt ma ipprovda pjanta biex isostni l-argument tiegħu. Għalhekk il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit tekniku u tagħmilhom tagħha fis-sens li l-partijiet huma ko-inkwilini tal-għalqa u għalhekk għandhom dritt jitolbu l-qasma biex kull parti jkollha s-sehem diviż tagħha x'taħdem.

"Il-perit tekniku ikkonkluda wkoll li l-għalqa tista' tinqasam komodament u għalhekk se timxi fuq il-pjan ta' qasma proposta minnu fid-dokument MP2. Naturalment il-porzjonijiet jiġu assenjati bis-sorteġġ.

"**DEĊIZJONI**

"**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u**

"**1. Tordna u tiddikjara li l-għalqa ta' Galon *sive* ta' Ħal Mula limiti ta' Ħaż Żebbuġ murija fid-dok D għandha tinqasam f'erbgħa porzjonijiet ugwali bejn il-partijiet u l-kamra tal-għodda titgawda minnhom kollha;**

"**2. Taddotta l-pjan tal-qasma propost mill-espert tekniku fid-dokument MP2 u tordna li l-għalqa tiġi maqsuma f'erba' porzjonijiet kif hemmhekk indikati u l-porzjonijiet jiġu assenjati bis-sorteġġ. Il-Qorti tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippubblika l-kuntratt relattiv u l-Avukat Gabrielle Zammit bħala kuratur tal-kontumaċji jekk ikun il-każ. Dan il-kuntratt għandu jiġi pubblikat fil-jum, ħin u lok li jiġi ffissat mill-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet;**

"**3. Tordna li l-konvenut jiżgombra mill-porzjonijiet mhux assenjati lilu fi żmien ġimgħa minn meta ssir il-qasma;**

"**L-ispejjeż tal-ewwel żewġ talbiet jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, filwaqt li dik tal-aħħar talba tkun a kariku tal-konvenut.**"

**Rikors tal-appell tal-konvenut Paul Buhagiar:**

**3.** Il-konvenut appellant ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

**4.** Huwa jispjega li fil-mori tal-kawża inizzja proċeduri quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (**Paul Buhagiar v. Maria Dolores Buhagiar et** 1224/09AE) fejn talabha tannulla d-deċiżjoni tal-Joint Office li ttieħdet fis-27 ta' Awwissu 2008 u konsegwentement terġa' tirrintegrah fl-i*status quo ante*. Jilmenta li l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tissoprassjedi sakemm ikun hemm eżitu definittiv.

**5.** Huwa jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tikkjama l-kawża 1224/08AE sabiex tinstema' quddiemha u timxi kontestwalment ma' din il-kawża odjerna.

**6.** Jgħid ukoll illi fil-21 ta' Ottubru 2011 fil-kawża 1224/08 AE ġew milqugħa t-talbiet tiegħu b'dan li ġie dikjarat li d-deċiżjoni tal-*Joint Office* li biha irrikonoxxiet lilu u lill-konvenuti bħala l-ko-inkwilini mhix valida. Jispjega li fiċ-ċirkostanzi talab lill-ewwel Qorti tordna l-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza stante li d-deċiżjoni tal-*Joint Office* li biha rrikonoxxa lill-atturi bħala ko-inkwilini hija llegali u ħassret il-kuntratt

lokatizju relattiv u allura l-bażi tal-azzjoni tal-atturi fil-kawża odjerna hija ineżistenti u nulla. Jilmenta li l-ewwel Qorti injorat it-talba tiegħu u għaddiet biex tiddeċiedi l-vertenza.

**7.** Jinsisti li l-ewwel Qorti kienet inkorretta meta għażlet li ma tordnax is-soprasessjoni tal-proċeduri, inkorretta meta ċaħdet it-talba tiegħu sabiex il-kawża 1224/09AE u din odjerna jinstemgħu flimkien, u inkorretta meta injorat it-talba tiegħu għas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minħabba fid-deċiżjoni indikata.

**8.** Jargumenta illi l-mertu ta' din il-vertenza jippernja fuq il-validità o meno tar-rikonoxximent tad-deċiżjoni tal-Joint Office tas-27 ta' Awwissu 2008 u li gialadarba ġie deċiż li r-rikonoxximent kien illegali u invalidu isegwi li l-vertenza in deżamina spiċċat bla kawżali.

**<u>Risposta tal-appell tal-atturi appellati:</u>**

**9.** L-atturi wieġbu biex jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**10.** Jgħidu li l-ewwel Qorti kellha kull dritt li tirrifjuta l-varji rikorsi li għamel l-appellant fil-mori (dwar is-soprasessjoni, dwar ir-rikjamar tal-kawża l-oħra ma' din odjerna, u dwar is-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-

sentenza) għaliex rathom għal dak li huma: attentati da parti tiegħu biex itawwal u jostakola l-ewwel Qorti f'dawn il-proċeduri u jċaħħadhom mid-drittijiet tagħhom taħt il-Kap. 199.

**11.** Jgħidu illi fil-fatt huma appellaw mis-sentenza fil-proċeduri 1224/09AE deċiża fil-21 ta' Ottubru 2011 u għalhekk f'dan l-istadju m'hemmx sentenza definittiva li għaddiet in ġudikat.

**12.** Jargumentaw illi anke jekk għall-grazzja tal-argument ir-rikonoxximent tal-*Joint Office* ikun fuq il-konvenut biss, dan xorta jibqa' bħala "*Chief Tenant*" u bl-ebda mod ma jaffettwa d-dritt tagħhom bħala ko-aventi causa ta' Emanuel Buhagiar biex igawdu l-għalqa ta' Galon bl-istess titolu li kellu Emanuel Buhagiar a tenur tal-Art. 2 tal-Kap. 199 in kwantu ħadd minnhom qatt ma rrinunzja għal kwalunkwe dritt vestit fih jew fiha bl-istess Kap. 199.

**13.** Jgħidu li fejn hemm dritt ta' ko-inkwilinat hemm ukoll dritt ta' tgawdija komuni mingħajr esklużjoni ta' ebda ko-inkwilin ieħor, liema tgawdija tista' wkoll, ladarba l-fond jippermetti, kif jirriżulta mir-rapport tal-perit tekniku, li jiġi maqsum f'porzjonijiet individwali.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*Sfond kronoloġiku tal-fatti u dokumenti*

**14.** Jingħad fl-ewwel lok li Emanuel Buhagiar (illum mejjet) kien

jaħdem żewġ għelieqi: (1) l-għalqa "Tal-Ħandaq/Tal-Ħarruba" u (2) l-għalqa "Ta' Galon", limiti ta' Ħaż-Żebbuġ. Hija l-għalqa "Ta' Galon", li hija mertu tal-kawża odjerna, liema għalqa hija amministrata mill-Uffiċċju Konġunt[1].

**15.** Il-konvenuta Maria Dolores Buhagiar hija l-armla ta' Emanuel Buhagiar, filwaqt li l-attur Paul Buhagiar u l-konvenuti Joseph Buhagiar u Mary Rose Sammut huma tlieta mit-tmien uliedhom.

04.02.1987 Emanuel Buhagiar u Maria Dolores Buhagiar għamlu testment "unica charta"[2] fejn innominaw u istitwew b'werrieta lit-tmien uliedhom;

30.08.1993 Riċevuta[3] fuq isem Emanuel Buhagiar mill-Gvern ta' Malta fl-ammont ta' Lm3 fir-rigward tal-qbiela tal-għalqa "Ta' Galon sive ta' Ħal Mula", Żebbuġ (mis-16.08.1992 sal-15.08.1993);

06.06.1994 miet Emanuel Buhagiar[4] li kien il-gabillot tal-għalqa magħrufa bħala l-"*Għalqa ta' Galon*", Ħal Mula, fil-limiti ta' Ħaż-Żebbug;

25.09.1995 Maria Dolores Buhagiar iddikjarat mad-Dipartiment tal-

---

[1] Skont id-dokument a fol 112, jirriżulta li din l-għalqa "ta' Galon" kienet waħda mill-proprjetajiet immobbli Ekkleżjastiċi mgħoddija lill-istat ta' Malta permezz tal-ftehim ratifikat fit-18 ta' Frar 1993, u tidher imqabbla lil Emanuel Buhagiar
[2] Fol 126 et seq
[3] Fol 144
[4] Fol 124 (certifikat tal-mewt)

Biedja u Sajd[5], Għammieri li qed tgħaddi r-raba "Il-Ħandaq" lil binha Paul Buhagiar. Hemm indikat li tali raba huwa in parti privat u in parti tal-knisja;

28.01.1996 Marthese Sant, George Buhagiar, Joseph Buhagiar, Mary Rose Buhagiar, Josephine Galea, Phyllis Abela, u Carmen Bellizzi taw il-kunsens tagħhom[6] sabiex il-qbiela tal-għalqa "*Tal-Ħandaq*" fil-limiti ta' Ħaż-Żebbug tiġi trasferita għal fuq Paul Buhagiar (Anness ma' tali skrittura ma kien hemm l-ebda pjanta);

31.05.1996 Paul Buhagiar xtara l-ishma kollha ta' ħutu u ħut missieru mill-għalqa misjuba b'"Tal-Ħarruba", kontrada ta' Ħal Mula jew Tal-Ħandaq;[7]

29.08.1996 Paul Buhagiar, iddikjara permezz ta' skrittura privata[8] li kellu x-xewqa u l-intenzjoni li l-qbiela fir-rigward tal-għalqa "Ta' Galon, sive Ta' Ħal Mula" (38195) li qabel kienet tinħadem minn missieru Emanuel Buttigieg, iddur f'ismu;

29.08.1996 In-Nutar Mariella Mizzi ddikjarat li taf lill-familja Buhagiar personalment u ċċertifikat li l-werrieta ta' Emanuel Buhagiar huma t-tmin

---

[5] Fol 14
[6] Fol 11
[7] Fol 32 et seq
[8] Fol 141

uliedu;[9]

11.09.1996 L-Uffiċċju Konġunt informa lil Paul Buhagiar li kellu bżonn dikjarazzjoni ffirmata minn professjonist li tgħid min kien jgħix fid-dar ta' Emanuel Buhagiar meta miet;[10]

24.01.1997 L-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ ikkonferma li meta miet Emanuel Buhagiar fis-6 ta' Ġunju 1997 kienu jgħixu miegħu martu Maria Dolores, bintu miżżewġa Marthese Sant, Joseph, Paul u M'Rose;[11]

12.04.1997 l-Uffiċċju Konġunt informa lil Paul Buhagiar li kien lest idawwar il-qbiela fuqu;[12]

06.05.1997 Riċevuta[13] fuq isem Paul Buhagiar mill-Gvern ta' Malta fl-ammont ta' Lm12 fir-rigward tal-qbiela tal-għalqa "Ta' Galon sive ta' Ħal Mula", Żebbuġ (mis-16.08.1993 sal-15.08.1997);

25.10.1999 Riċevuta[14] fuq isem Paul Buhagiar mill-Gvern ta' Malta fl-ammont ta' Lm9 fir-rigward tal-qbiela tal-għalqa "Ta' Galon sive ta' Ħal Mula", Żebbuġ (mis-16.08.1997 sal-15.08.2000);

[9] Fol 142
[10] Fol 107
[11] Fol 109
[12] Fol 110
[13] Fol 111
[14] Fol 115

02.05.2008 Dr Peter Caruana Galizia f'isem Maria Dolores Buhagiar, Josephine Galea, Joseph Buhagiar, Phyllis Abela, Carmel Bellizzi u Mary Rose Sammut kiteb lid-direttur tal-Uffiċċju Konġunt u għarrfu li l-klijenti tiegħu kellhom id-dritt skont il-Kap 199 li l-qbiela li kellu Emanuel Buhagiar taqa' fuqhom u fuq Paul Buhagiar u mhux fuq Paul Buhagiar biss, u għalhekk insista li l-klijenti tiegħu jiġu rikonoxxuti flimkien ma' Paul Buhagiar;[15]

29.07.2008 L-Uffiċċju Konġunt spjega permezz ta' ittra[16] lil Dr Peter Caruana Galizia f'isem l-eredi ta' Emanuel Buhagiar, li l-istess Emanuel Buhagiar kien jaħdem żewġ porzjonijiet raba, li minnhom dik magħrufa bħala "l-*Għalqa ta' Galon*" biss hi amministrata mill-Uffiċċju Konġunt. Spjega li l-kunsens li l-eredi ta' Emanuel Buhagiar kienu taw biex isir it-trasferiment tal-qbiela tal-art fuq ħuhom Paul Buhagiar tirreferi għall-għalqa l-oħra oħra u mhux l-"*Għalqa ta' Galon*" u għalhekk il-qbiela tal-"*Għalqa ta' Galon*" kienet daret fuq Paul Buhagiar erronjament. Għalhekk talbu dikjarazzjoni ġuramentata dwar min kien residenti mad-defunt Emanuel Buhagiar fl-aħħar sena qabel ma ġie nieqes, kif ukoll dwar min kien jaħdem ir-raba miegħu;

08.08.2008 M'Rose Sammut, Carmen Bellizzi, Josephine Galea aħwa

[15] Fol 123
[16] Fol 133

Buhagiar iddikjaraw[17] li fid-data tas-6 ta' Ġunju 1994 meta miet missierhom Emanuel Buhagiar kienu jgħixu fid-dar miegħu martu Maria Dolores Buhagiar u wliedhom Joseph, Paul u M'Rose.

27.08.2008 L-Uffiċċju Konġunt permezz ta' ittra[18] informa lil mart Emanuel Buhagiar (Maria Dolores Buhagiar) li kien qed jirrikonoxxi lilha u lil uliedha Joseph Buhagiar, Mary Rose Sammut xebba Buhagiar u Paul Buhagiar bħala l-gabillotti l-ġodda; (Dawn kienu dawk li kienu jgħixu ma' Emanuel Buhagiar fid-dar 4, Triq Mula, Żebbuġ, fid-data tal-mewt tiegħu).

03.09.2008 L-aħħar riċevuta[19] li ħarġet fuq isem Paul Buhagiar mill-Uffiċċju Konġunt fl-ammont ta' €6.99 fir-rigward tal-qbiela tal-għalqa "Ta' Galon sive ta' Ħal Mula", Żebbuġ (mis-16.08.2007 sal-15.08.2008);

03.10.2008 Inbidlet id-database tal-Uffiċċju konġunt[20] b'mod li ġew inklużi bħala inkwilini Maria Dolores Buhagiar, u uliedha Maryrose u Joseph mal-persuna ta' Paul Buhagiar, kollha in solidum u f'sehem indiviż.

01.12.2008 L-atturi intavolaw din il-kawża.

[17] Fol 135
[18] Fol 136
[19] Fol 165
[20] Ara xhieda ta' Dr Josianne Azzopardi tal-25 ta' Settembru 2009 (fol 158 et seq)

**16.** L-atturi intavolaw din il-kawża abbażi tad-deċiżjoni li ħa l-Uffiċċju Konġunt fl-2008 fejn irrikonoxxihom bħala ko-inkwilini fir-rigward tar-raba magħruf bħala "Ta' Galon sive ta' Ħal Mula" flimkien mal-konvenut Paul Buhagiar, li oriġinarjament kien l-uniku inkwilin. Huma talbu li (1) l-għalqa in kwistjoni tiġi maqsuma f'erba' porzjonijiet ugwali u li l-kamra tal-għodda titgawda mill-partijiet kollha, li (2) jiġi mħejji, bl-assistenza ta' perit tekniku, pjan ta' diviżjoni tal-għalqa f'erba' porzjonijiet, b'mod li kull porzjon tiġi assenjata lil kull parti bix-xorti jew bl-assenjazzjoni, u li (3) l-konvenut jiżgombra mill-parti li ma tkunx ġiet assenjata lilu.

**17.** Issa l-konvenut, fil-mori tal-kawża kien intavola proċeduri[21] sabiex id-deċiżjoni meħuda mill-Uffiċċju Konġunt tiġi annullata u għalhekk talab is-soprasessjoni[22] ta' dawn il-proċeduri sakemm tiġi deċiża l-kawża l-oħra, (liema talba ġiet miċħuda); talab ukoll li l-proċeduri tal-kawża l-oħra jinstemgħu quddiemha u jimxu kontestwalment magħha[23] (liema talba ġiet ukoll miċħuda); u finalment, in vista tal-fatt li kienet ingħatat sentenza fil-proċeduri l-oħra, fejn kien ġie deċiż li d-deċiżjoni tal-Uffiċċju Konġunt li biha kienet irrikonoxxiet lil Maria Dolores Buhagiar, Joseph Buhagiar u Mary Rose Sammut bħala ko-inkwilini ma kinitx valida, talab ukoll li l-prolazzjoni tas-sentenza tiġi sospiża sabiex jiġi dibattut dan il-

[21] 1224/09: Paul Buhagiar vs Maria Dolores Buhagiar, Joseph Buhagiar, Mary Rose Sammut u l-Uffiċċju Konġunt
[22] Fol 52
[23] Fol 57

punt (liema talba ġiet miċħuda wkoll).

**18.** Illum stess, qed jiġi deċiż minn din l-istess qorti l-appell mis-sentenza fir-rigward tal-proċeduri 1224/09, fejn qed tiġi konfermata s-sentenza tal-ewwel Qorti: u cioe` li d-deċiżjoni tal-Uffiċċju Konġunt kienet waħda invalida u li għalhekk Paul Buhagiar għandu jibqa' l-uniku inkwilin.

**19.** Ladarba qed jiġi deċiż li Paul Buhagiar għandu jibqa' l-uniku inkwilin, isegwi li l-azzjoni odjerna tal-atturi hija priva minn fondament ġuridiku u għalhekk is-sentenza tal-ewwel Qorti, fejn ordnat l-iżgumbrament tal-konvenut Paul Buhagiar mill-partijiet tal-għalqa li mhux ser jiġu assenjati lilu għandha tiġi mħassra. Ladarba qed jiġi stabbilit li l-atturi odjerni mhux ko-inkwilini tal-għalqa in kwistjoni, u li l-konvenut odjern għandu jibqa' l-uniku inkwilin, ma tistax tibqa' fis-seħħ sentenza fejn qed tiġi ordnata lill-atturi l-assenjazzjoni ta' tlett partijiet minn erbgħa ($^{3}/_{4}$) tal-għalqa u fejn il-konvenut qed jiġi ordnat jiżgombra minn tali porzjonijiet.

Għal dawn il-motivi din il-qorti tilqa' l-appell interpost mill-konvenut Paul Buhagiar, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata b'dan li tiċħad it-talbiet kollha attriċi.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df